II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 479/2013

tat-13 ta' Mejju 2013

dwar eżenzjoni mill-obbligu li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet sommarja tad-dħul u l-ħruġ għal merkanzija tal-Unjoni li taqsam il-Kuridur Neum

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att dwar il-Kundizzjonijiet ta' Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2011, l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Kroazja ffirmaw it-Trattat dwar l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat tal-Adeżjoni"). Bis-saħħa tal-Artikolu 3(3) tat-Trattat tal-Adeżjoni huwa għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013 sakemm l-istrumenti ta' ratifika kollha jkunu ġew depożitati qabel dik id-data.

(2) Skont l-Artikolu 2 tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("l-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-Adeżjoni"), mid-data tal-adeżjoni, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu lill-Kroazja taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk it-Trattati u fl-Att li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni.

(3) It-territorju ta' Neum ("Kuridur Neum") huwa post fejn it-territorju tal-Bożnja u Ħerzegovina jasal sal-Kosta Adrijatika, u hekk jissepara ż-żona ta' Dubrovnik mill-bqija tat-territorju tal-Kroazja. It-turiżmu huwa ta' importanza sinifikanti għall-ekonomija lokali, li hija mmexxija minn intrapriżi ta' daqs żgħir u medju dipendenti fuq provvisti mill-bqija tat-territorju tal-Kroazja. Il-valur ta' tali fornitment ġeneralment ma jaqbiżx l-EUR 10 000 għal kull kunsinna u 89 % ta' dawk l-oġġetti għandhom l-istatus ta' merkanzija għal ċirkolazzjoni ħielsa fit-territorju tal-Kroazja.

(4) L-Artikolu 43 tal-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni jistipula li l-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom ir-rekwiżiti għal dikjarazzjoni sommarja ta' dħul jew ħruġ jistgħu jiġu mneħħija rigward merkanzija li tkun qed tinġarr permezz tal-Kuridur Neum.

(5) Skont l-Artikoli 36a, 36b, 182a u 182b tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1] ("il-Kodiċi Doganali tal-Komunità"), merkanzija li tiddaħħal jew toħroġ mit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tkun koperta, bil-quddiem, b'dikjarazzjoni fil-qosor sottomessa elettronikament li jkun fiha d-dettalji meħtieġa għat-twettiq tal-analiżi tar-riskju.

(6) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-ekonomija lokali huwa xieraq li jsir provvediment għal eżenzjonijiet mill-obbligu li jiġu preżentati dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u l-ħruġ għal merkanzija tal-Unjoni li taqsam il-Kuridur Neum.

(7) L-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu analiżi tar-riskju effettiva u l-kontrolli doganali tas-sigurtà fuq il-bażi tad-dejta preżenti fuq il-fattura u tad-dokumenti tat-trasport li jakkumpanjaw il-merkanzija.

(8) L-arranġamenti attwali jidderogaw mill-prinċipju elettroniku ta' sottomissjoni elettronika ta' qabel it-tluq u ta' qabel il-wasla tad-dejta tas-sikurezza u sigurtà stabbilita taħt il-Kodiċi Doganali tal-Komunità. Sabiex tiżgura analiżi tar-riskju effettiv u effiċjenti u kontrolli għall-għanijiet ta' sikurezza u sigurtà, il-Kroazja għandha tiżgura li l-punti tal-qsim tal-fruntiera fil-Kuridur Neum ikollhom ir-riżorsi umani, tagħmir u kontrolli neċessarji.

(9) Meta kunsinna tkun instabet li ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kunsinna in kwistjoni ma għandhiex titħalla terġa' tidħol fit-territorju tal-Kroazja sakemm ma ssirx stima tar-riskji involuti u jiġu adottati miżuri effettivi u mmirati bbażati fuq analiżi tar-riskju.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

(10) Minbarra l-iskambju ta' tagħrif għall-finijiet ta' sikurezza u sigurtà kif provdut taħt l-Artikolu 4g(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [1], il-Kroazja għandha tinforma lill-Kummissjoni regolarment taħt il-proċeduri ta' Qafas Komuni għall-Ġestjoni tar-Riskju dwar irregolaritajiet misjuba u, fejn applikabbli, tal-miżuri adottati sussegwentement rigward iċ-ċaqliq tal-merkanzija min-naħa għall-oħra tal-Kuridur Neum.

(11) Evalwazzjoni għall-fini tal-verifika ta' applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament għandha ssir mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tal-adeżjoni tal-Kroazja,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li taħthom:

(a) ir-rekwiżit għal dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ tkun eżentata għal merkanzija tal-Unjoni li tkun ħierġa mit-territorju tal-Kroazja biex jaqsmu l-Kuridur Neum;

(b) ir-rekwiżit għal dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul hija eżentata għal merkanzija tal-Unjoni meta terġa' tidħol fit-territorju tal-Kroazja wara li tkun qasmet il-Kuridur Neum.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(1) "merkanzija tal-Unjoni" tfisser il-merkanzija definita fl-Artikolu 4(7) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità;

(2) "iż-żona ta' Dubrovnik" tfisser Dubrovnik u ż-żona ta' madwarha fit-territorju tal-Kroazja li hija sseparata mill-Kuridur Neum mit-territorju kontinentali tal-Kroazja;

(3) "it-territorju kontinentali tal-Kroazja" tfisser it-territorju tal-Kroazja ħlief għaż-żona ta' Dubrovnik;

(4) "Il-Kuridur Neum" tfisser iż-żona li hi parti mit-territorju tal-Bożnja u Ħerzegovina li tissepara ż-żona ta' Dubrovnik mit-territorju kontinentali tal-Kroazja;

(5) "Awtoritajiet doganali" tfisser l-awtoritajiet doganali tal-Kroazja fil-punti tal-qsim tal-fruntieri tal-ħruġ u d-dħul tal-Kuridur Neum;

(6) "Ħruġ" tfisser il-ħruġ ta' merkanzija, jew miż-żona ta' Dubrovnik fit-territorju kontinentali tal-Kroazja permezz tal-Kuridur Neum, jew mit-territorju kontinentali tal-Kroazja fiż-żona ta' Dubrovnik permezz tal-Kuridur Neum;

(7) "Dħul mill-ġdid" tfisser id-dħul ta' merkanzija fiż-żona ta' Dubrovnik mit-territorju kontinentali tal-Kroazja permezz tal-Kuridur Neum, jew fit-territorju kontinentali tal-Kroazja miż-żona ta' Dubrovnik permezz tal-Kuridur Neum;

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

Artikolu 3

Eżenzjoni mir-rekwiżit ta' sottomissjoni ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew tal-ħruġ

1. L-ebda dikarazzjoni sommarja ta' ħruġ ma għandha tkun meħtieġa għal merkanzija tal-Unjoni mal-ħruġ tagħha.

2. L-ebda dikarazzjoni sommarja ta' dħul ma għandha tkun meħtieġa għal merkanzija tal-Unjoni mad-dħul mill-ġdid tagħha.

Artikolu 4

Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-rinunzja

L-Artikolu 3 għandu japplika fejn huma sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-valur totali ta' kull kunsinna ta' merkanzija tal-Unjoni mċaqalqa min-naħa għall-oħra tal-Kuridur Neum ma jaqbiżx EUR 10 000 jew l-ekwivalenti fil-munita lokali;

(b) Il-merkanzija msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu tiġi akkumpanjata minn fatturi jew dokumenti tat-trasport li:

(i) jinkludu għall-inqas id-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 317(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, kif ukoll il-valur totali tal-merkanzija;

(ii) tkun approvata b'marki uffiċjali mill-awtoritajiet doganali mal-ħruġ;

(iii) huma ppreżentati għall-verifika lill-awtoritajiet doganali mad-dħul mill-ġdid.

Artikolu 5

Kontrolli Doganali

1. L-analiżi tar-riskji assoċjati mal-kontrolli doganali applikati għal oġġetti tal-Unjoni mċaqlaqa min-naħa għall-oħra tal-Kuridur Neum jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet doganali permezz ta' mezzi apparti tekniki awtomatizzati tal-ipproċessar tad-dejta.

2. Il-Kroazja għandha tiżgura li l-punti ta' qsim tal-fruntiera għall-ħruġ u d-dħul mill-ġdid fit-territorju tagħha għall-merkanzija trasportata min-naħa għall-oħra tal-Kuridur Neum ikollhom ir-riżorsi neċessarji, tagħmir, faċilitajiet ta' kontroll u l-kapaċitajiet meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Mal-ħruġ, l-awtoritajiet doganali għandhom:

(a) jiddeterminaw limitu taż-żmien li fih irid jitlesta l-moviment ta' oġġetti tal-Unjoni min-naħa għall-oħra tal-Kuridur Neum;

(b) jindikaw dak il-limitu ta' żmien flimkien mad-data tal-approvazzjoni tal-fattura jew id-dokument tat-trasport kif imsemmija fl-Artikolu 4(b)(ii);

(c) fejn iqisu li dan ikun meħtieġ, jissiġillaw l-ispazju li jkun fih l-oġġetti jew kull pakkett individwali tal-oġġetti li għandhom jiġu trasportati min-naħa għall-oħra tal-Kuridur Neum.

4. Mad-dħul mill-ġdid, l-awtoritajiet doganali għandhom:

(a) iwettqu analiżi tar-riskju primarjament għal finijiet ta' sigurtà u sikurezza;

(b) jivverifikaw il-fatturi jew id-dokumenti tat-trasport li jkkompanjaw l-oġġetti;

(c) jivverifikaw il-konformità mal-limitu taż-żmien imsemmi fil-paragrafu (3)(a) ta' dan l-Artikolu;

(d) jivverifikaw l-integrità tas-siġilli, meta mwaħħla skont il-paragrafu (3)(c) ta' dan l-Artikolu;

(e) fejn adatt, fiżikament jeżaminaw il-merkanzija;

(f) ineħħu s-siġilli kif xieraq.

5. Meta l-awtoritajiet doganali jistabbilixxu li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 ma jkunx ġie mħares, huma għandhom jippermettu d-dħul mill-ġdid ta' konsenja bħal din jekk:

(a) tkun twettqet analiżi tar-riskju effettiva;

(b) fuq il-bażi tar-riżultati tal-analiżi tar-riskju msemmija fil-punt (a), l-awtoritajiet doganali jkunu adottaw miżuri effettivi mmirati speċifikament biex jevitaw riskji relatati mas-sikurezza u s-sigurtà.

Artikolu 6

Informazzjoni

Il-Kroazja għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe irregolaritajiet li jinstabu fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll miżuri konkreti li ttieħdu sabiex jiġu rimedjati dawk l-irregolaritajiet fi kwalunkwe ħin iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2014.

Artikolu 7

Rapport

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Kunsill li jipprovdi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tal-adeżjoni tal-Kroazja.

Artikolu 8

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ soġġett għal, u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

S. COVENEY